



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

201/0023(COD)

17.2.2015

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Timothy Kirkhope

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

| | |
|--|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 41 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0032),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-punt (d) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 82(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 87(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0039/2011),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-kontribuzzjonijiet imressqa mill-Parlament Bulgaru, is-Senat Ċek, il-Bundesrat Ġermaniż, is-Senat Taljan, is-Senat Rumien, il-Kunsill Nazzjonali Awstrijakk, il-Parlament Portugiż u s-Senat Olandiż dwar l-abbozz tal-att leġiżlattiv,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tal-5 ta' Mejju 2011¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tat-25 ta' Marzu 2011²,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każi Konġunti C-293/12 *Digital Rights Ireland* u C-594/12 *Seitlinger u oħrajn*,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data³,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0000/2015),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

¹ ĠU C 218, 23.7.2011, p. 107.

² ĠU C 181, 22.6.2011, p. 24.

³ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura s-sigurtà u tipproteġi l-ħajja u s-sikurezza tal-pubbliku, u biex jinħoloq qafas legali għall-protezzjoni u l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż tat-tħaddim u ż-żamma tas-sistema tal-PNR tiegħu stess, inkluż l-ispejjeż biex tinħatar u topera awtorità kompetenti u tinħatar u topera awtorità superviżorja nazzjonali. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-trasferiment tad-dejta tal-PNR miżmuma mil-linji tal-ajru tal-passiġġieri fis-sistemi tal-ibbukkar tagħhom, lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u lill-awtoritajiet kompetenti, għandhom jiġihallu mil-linji tal-ajru. Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandu jipprevedi l-appoġġ amministrattiv u konsultattiv tal-Kummissjoni lill-Istati Membri meta

jkunu qed jistabbilixxu s-sistemi tal-PNR tagħhom.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Filwaqt li jiġi kkunsidrat bi sħiħ id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tan-nondiskriminazzjoni, m'għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni, li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwaha serjament, biss minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR. Barra minn hekk, l-ebda deċiżjoni bħal din m'għandha tittieħed fuq il-bażi ***tal-oriġini tar-razza jew etnika***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdnunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta' persuna.

Emenda

(19) Filwaqt li jiġi kkunsidrat bi sħiħ id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tan-nondiskriminazzjoni ***bi qbil mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} u l-Artikoli 8 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***, m'għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni, li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwaha serjament, biss minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR. Barra minn hekk, l-ebda deċiżjoni bħal din m'għandha tittieħed fuq il-bażi ***tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdnunjin, ***is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età***, is-saħħa jew ***l-orjentazzjoni*** sesswali ta' persuna.

^{1a} ***Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).***

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Din id-Direttiva tistipula r-responsabilitajiet dwar il-kundizzjonijiet li skont dawn il-PNR jista' jiġi trasferit, ipproċessat, użat u protett.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss **għall-iskopijiet li ġejjin:**

2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss **għall-prevenzjoni, tal-prevenzjoni**, l-iskoperta, l-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2).

(a) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u **delitti serji skont l-Artikolu 4(2)(b) u (c); kif ukoll**

(b) Il-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2)(a) u (d);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu tal-għan għad-delitti transnazzjonali serji biss.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Din id-Direttiva għandha tapplika għal trasportaturi li joperaw it-titjiriet tal-passiġġieri bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u t-titjiriet tal-passiġġieri fi ħdan it-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal trasportaturi li jinkorporaw jew jaħżnu dejta fl-Unjoni Ewropea u li joperaw titjiriet tal-passiġġieri lejn jew minn pajjiżi terzi fejn il-punt ta' tluq jew destinazzjoni tagħhom huma fi ħdan l-Unjoni.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi

(c) "Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri" jew "dejta tal-PNR" tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier **miġbura u miżmuma elettronikament mit-trasportatur bl-ajru fl-attivitajiet normali tiegħu**, li jinkludi informazzjoni meħtieġa

bl- tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema **tar-riservazzjoni**, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet;

biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi **bl-ajru** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema **tar-riżervazzjoni**, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; **"Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri"** jew **"dejta tal-PNR"** tfisser **reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier miġbura u miżmuma elettronikament mit-trasportatur bl-ajru fl-attivitajiet normali tiegħu, li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi bl-ajru tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riżervazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; Id-dejta tal-PNR tikkonsisti mill-oqsma tad-dejta kif stipulati fl-Anness;**

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) "dejta mistura" tfisser li jagħmlu ċerti elementi ta' dejta tal-PNR bla ebda siwi għall-utent mingħajr ma jiħassru.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;

Emenda

imħassar

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu tal-għan għad-delitti transnazzjonali serji biss.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) 'delitti transnazzjonali serji' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta'

Emenda

(i) "delitti transnazzjonali serji" tfisser id-delitti **li ġejjin** taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI:

detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk.

- *parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*
- *terroriżmu,*
- *traffikar tal-bnedmin,*
- *sfruttament sesswali ta' tfal u pedopornografija,*
- *traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,*
- *traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,*
- *ħasil ta' flus ta' rikavat minn attività kriminali,*
- *falsifikazzjoni ta' flus, inkluża l-falsifikazzjoni tal-euro,*
- *reati relatati mal-informatika,*
- *qtil, offiżi fiżiċi gravi fuq il-persuna,*
- *kummerċ illegali ta' organi u tessuti tal-bniedem,*
- *ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u teħid ta' ostaġġi,*
- *serq organizzat jew bl-użu ta' armi,*
- *falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,*
- *traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promotturi oħra tat-tkabbir,*
- *traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,*
- *stupru,*
- *ħruq volontarju ta' proprjetà,*
- *delitti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,*
- *teħid illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,*
- *sabotaġġ,*

jekk għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal

- (i) Jitwettqu fi stat wieħed jew aktar;
- (ii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tnejn, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor.;
- (iii) Jitwettqu fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali fi stat ieħor jew aktar; jew
- (iv) Jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor.

perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, jekk:

- (i) jitwettqu fi stat wieħed jew aktar;
- (ii) jitwettqu fi stat wieħed iżda parti sostanzjali tat-tnejn, ippjanar, direzzjoni jew kontroll issir fi stat ieħor;
- (iii) jitwettqu fi stat wieħed iżda jinvolvu grupp kriminali organizzat li jieħu sehem f'attivitajiet kriminali fi stat ieħor jew aktar; jew
- (iv) jitwettqu fi stat wieħed iżda għandhom effetti sostanzjali fi stat ieħor.

L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-iproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-Direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu għal ċerti tipi biss ta' delitti transnazzjonali serji mill-Artikolu 2(2) tad-Direttiva Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu jew jinnominaw awtorità waħda biex isservi bħala l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom. Tali Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tiġi **stabbilità** f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti u għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' tali Stati Membri kollha parteċipanti. L-Istati

Emenda

2. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jistabbilixxu jew jinnominaw awtorità waħda biex isservi bħala l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom. Tali Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tiġi **stabbilita** f'wieħed **biss** mill-Istati Membri parteċipanti u għandha tiġi kkunsidrata bħala l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' tali Stati Membri kollha parteċipanti. L-Istati

Membri parteċipanti għandhom jaqblu fuq ir-regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ppreżentati f'din id-Direttiva.

Membri parteċipanti għandhom jaqblu **b'mod konġunt** fuq ir-regoli dettaljati għall-operazzjoni tal-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri u għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti ppreżentati f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi **bl-**, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tinġabar mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi **bl-** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta.

Emenda

1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi **tal-ajru**, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tinġabar mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi **bl-ajru** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament **u b'mod permanenti** malli tkun irċevuta.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **tewttieq** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew **tluq** skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet

Emenda

(a) **twettiq** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew **it-tluq** skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet

kompetenti msemija fl-Artikolu 5. **Fit-tewttieq** ta' tali valutazzjoni, l-Unità tal-**Informazzjoni** dwar il-Passiġġieri tista' tipproċessa d-dejta tal-PNR mal-kriterji stabbiliti minn qabel. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbilta pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tiegħu azzjoni;

kompetenti msemija fl-Artikolu 5. **Fit-twettiq** ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-**Informazzjoni** dwar il-Passiġġieri tista' tipproċessa d-dejta tal-PNR mal-kriterji stabbiliti minn qabel **skont din id-Direttiva, u tista' tqabbel id-dejta tal-PNR ma' databases relevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma** stabbiliti **abbażi tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls**. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbilta pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tiegħu azzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu għal ċerti tipi biss ta' delitti transnazzjonali serji mill-Artikolu 2(2) tad-Direttiva Qafas tal-Kunsill 2008/919/ĠAI.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) twettieq ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 5. Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-Informazzjoni** dwar il-Passiġġieri tista' wkoll tqabbel id-**

Emenda

imħassar

dejta tal-PNR ma' databases rilevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma stabbiliti abbażi tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt alert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbilta pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tiegħu azzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Limitu tal-għan għad-delitti transnazzjonali serji biss. Parti mit-test trasferit għall-punt (a).

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tweġiba, fuq bażi ta' kull każ individwali, għal talbiet b'raġuni xierqa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ttipprovdi dejta tal-PNR u ttipproċessa dejta tal-PNR f'każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, u ttipprovdi r-riżultati ta' dan l-ipproċessar lill-awtoritajiet kompetenti. kif ukoll

Emenda

(c) tweġiba, fuq bażi ta' kull każ individwali, għal talbiet b'raġuni xierqa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ttipprovdi dejta tal-PNR u ttipproċessa dejta tal-PNR f'każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji, u ttipprovdi r-riżultati ta' dan l-ipproċessar lill-awtoritajiet kompetenti. kif ukoll

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-valutazzjoni tal-passiġġieri, qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'mod nondiskriminatorju abbażi ta' kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji tal-valutazzjoni jiġu stabbiliti mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-kriterji ta' valutazzjoni fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu bbażati fuq l-oriġini ***tar-razza jew etnika***, it-twemmin ***reliġjuż jew filosofiku***, l-opinjoni politika, is-sħubija ***fi trejtdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja*** sesswali ta' persuna.

Emenda

3. Il-valutazzjoni tal-passiġġieri, qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'mod nondiskriminatorju abbażi ta' kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji tal-valutazzjoni jiġu stabbiliti mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-kriterji ta' valutazzjoni fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu bbażati fuq ***is-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, l-ilsien, ir-reliġjon jew*** it-twemmin, l-opinjoni politika ***jew kwalunkwe oħra***, is-sħubija ***f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni*** sesswali ta' persuna, ***kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandha tittrasferixxi d-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tal-persuni identifikati skont il-punti (a) u

Emenda

4. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandha tittrasferixxi d-dejta tal-PNR jew ir-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR tal-persuni identifikati skont il-punti (a) u

(b) tal-paragrafu 2 għal aktar analiżi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-istess Stat Membru. Dawn it-trasferimenti **jistgħu jsiru** biss fuq bażi ta' każ b'każ.

(b) tal-paragrafu 2 għal aktar analiżi lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-istess Stat Membru. Dawn it-trasferimenti **għandhom isiru** biss fuq bażi ta' każ b'każ **permezz ta' azzjoni umana**.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jadotta lista tal-awtoritajiet kompetenti ntitolati li jitolbu jew jirċievu dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar ta' dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex jeżamina aktar din l-infommazzjoni jew biex jieħu azzjoni xierqa bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jadotta lista tal-awtoritajiet kompetenti ntitolati li jitolbu jew jirċievu dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar ta' dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex jeżamina aktar din l-infommazzjoni jew biex jieħu azzjoni xierqa bl-iskop **speċifiku** tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti **transnazzjonali** serji.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu magħmula minn awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati

Emenda

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu magħmula minn awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati

terroristiċi u delitti serji.

terroristiċi u delitti *transnazzjonali* serji.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-dejta tal-PNR tal-passiġġieri u r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR riċevuti mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri jistgħu jiġu pproċessati aktar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji.

Emenda

4. Id-dejta tal-PNR tal-passiġġieri u r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR riċevuti mill-Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri jistgħu jiġu pproċessati aktar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bl-iskop *speċifiku* biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti *transnazzjonali* serji.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-awtoritajiet kompetenti m'għadhom jieħdu l-ebda deċiżjoni li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwah b'mod sinifikattiv sempliċiment minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR. Tali deċiżjonijiet m'għandhomx jittieħdu fuq l-oriġini *tar-razza jew etnika*, it-twelmin *reliġjuż jew filosofiku*, l-opinjoni politika, is-sħubija *fi trejtdjunjin*, *is-saħħa jew il-ħajja* sesswali ta' persuna.

Emenda

6. L-awtoritajiet kompetenti m'għadhom jieħdu l-ebda deċiżjoni li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwah b'mod sinifikattiv sempliċiment minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR. Tali deċiżjonijiet m'għandhomx jittieħdu fuq *is-sess, ir-razza, il-kulur*, l-oriġini *etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew* it-twelmin, l-opinjoni politika *jew xi opinjoni oħra*, is-sħubija *f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni*

sesswali ta' persuna. ***Tali dejta sensittiva għandha tiġi mħassra b'mod permanenti mhux aktar tard minn 30 jum mill-aħħar irċevuta tal-PNR li tinkludi tali dejta mill-awtoritajiet kompetenti.***

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira;

Emenda

(a) ***darba***, 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju tal- lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitolgħu aktar passiġġieri abbord.

Emenda

(b) ***darba***, minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju tal-ajru lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitolgħu aktar passiġġieri abbord.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' persuni identifikati mill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri skont l-Artikolu 4(2)(a) u (b), ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR huwa trażmess minn dik l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri lill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri meta l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel tikkunsidra tali trasferiment meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. L-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri riċeventi għandhom jittrażmettu tali dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' persuni identifikati mill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri skont l-Artikolu 4(2)(a) u (b), ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR huwa trażmess minn dik l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri lill-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri meta l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel tikkunsidra tali trasferiment meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti **transnazzjonali** serji. L-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri riċeventi għandhom jittrażmettu tali dejta tal-PNR jew ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tagħhom.

Or. en

Emenda 26

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdilha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. It-talba għal tali dejta tista' tkun ibbażata fuq kwalunkwe waħda jew kombinazzjoni ta' elementi tad-dejta, kif

Emenda

2. L-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdilha d-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1), u, jekk ikun hemm bżonn, anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR. It-talba għal tali dejta tista' tkun ibbażata fuq kwalunkwe waħda jew kombinazzjoni ta' elementi tad-dejta, kif

meqjusa meħtieġa mill-Unità tal-
Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li qed
tagħmel it-talba għal każ speċifiku għall-
prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u
l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew
delitti serji. L-Unitajiet tal-Informazzjoni
dwar il-Passiġġieri għandhom jipprovdu d-
dejta mitluba hekk kif tkun prattikabbli u
għandhom jipprovdu wkoll ir-riżultat tal-
ipproċessar tad-dejta tal-PNR, jekk ikun
diġà tħejja skont l-Artikolu 4(2)(a).

meqjusa meħtieġa mill-Unità tal-
Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li qed
tagħmel it-talba għal każ speċifiku għall-
prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u
l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew
delitti **transnazzjonali** serji. L-Unitajiet tal-
Informazzjoni dwar il-Passiġġieri
għandhom jipprovdu d-dejta mitluba hekk
kif tkun prattikabbli u għandhom jipprovdu
wkoll ir-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta
tal-PNR, jekk ikun diġà tħejja skont l-
Artikolu 4(2)(a).

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-
Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu
d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-
Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri
ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex
tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm
fid-database ta' din tal-aħħar skont l-
Artikolu 9(2), u, jekk ikun hemm bżonn,
anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-
PNR. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-
Passiġġieri tista' titlob aċċess għal dejta tal-
PNR speċifika li tinżamm mill-Unità tal-
Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat
Membru ieħor fil-forma totali tagħha
mingħajr il-ħabi ta' xi dejta biss
f'ċirkostanzi eċċezzjonali bi tweġiba għal
theddida speċifika jew investigazzjoni jew
prosekuzzjoni speċifiċi relatati ma' reati
terroristiċi jew delitti serji.

Emenda

3. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-
Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollu
d-dritt li jitlob, jekk ikun hemm bżonn, lill-
Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri
ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex
tipprovdiha d-dejta tal-PNR li tinżamm
fid-database ta' din tal-aħħar skont l-
Artikolu 9(2), u, jekk ikun hemm bżonn,
anke r-riżultat tal-ipproċessar tad-dejta tal-
PNR. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-
Passiġġieri tista' titlob aċċess għal dejta tal-
PNR speċifika li tinżamm mill-Unità tal-
Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat
Membru ieħor fil-forma totali tagħha
mingħajr il-ħabi ta' xi dejta biss
f'ċirkostanzi **l-aktar** eċċezzjonali bi
tweġiba għal theddida speċifika **f'ħin reali**
jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni
speċifiċi relatati ma' reati terroristiċi jew
delitti **transnazzjonali** serji.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' theddida imminente u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew prosekuzzjon speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti serji u għandhom ikunu raġunati. L-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess.

Emenda

4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa **assoluta** għall-prevenzjoni ta' theddida imminente u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-data tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti **transnazzjonali** serji u għandhom ikunu raġunati. L-Unitajiet tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Eċċezzjonalment, meta jkun hemm

Emenda

5. Eċċezzjonalment, meta jkun hemm

bżonn aċċess kmieni bħala tweġiba għal theddida speċifika u reali dwar reati terroristiċi jew delitti serji, l-Unità tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollha d-dritt li titlob lill- Unità tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor biex tipprovdiha dejta tal-PNR tat-titjiriet li jinżlu fi jew li jtilqu mit-territorju ta' din tal-aħħar fi kwalunkwe ħin.

bżonn aċċess kmieni bħala tweġiba għal theddida speċifika u reali dwar reati terroristiċi jew delitti **transnazzjonali** serji, l-Unità tal- Informazzjoni dwar il- Passiġġieri ta' Stat Membru għandu jkollha d-dritt li titlob lill-Unità tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor biex tipprovdiha dejta tal-PNR tat-titjiriet li jinżlu fi jew li jtilqu mit-territorju ta' din tal-aħħar fi kwalunkwe ħin.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. L-Istati Membri jistgħu jikkondividu l- PNR biss skont valutazzjoni bir-reqqa tas- salvagwardji li ġejjin:

(a) tali kondiviżjoni għandha ssir biss skont l-Artikolu 4;

(b) tali kondiviżjoni għandha ssir biss ma' awtoritajiet governattivi domestiċi meta jaġixxu lil hinn mill-użi msemmija fl- Artikolu 4;

(c) l-awtoritajiet destinatari għandhom jipprovdu lill-PNR salvagwardji ekwivalenti jew paragunabbli kif stabbilit f'din id-Direttiva; kif ukoll

(d) il-PNR għandu jiġi maqsum ma' ħaddieħor biss b'apport għal dawk il- każijiet taħt eżami jew investigazzjoni u skont ftehim bil-miktub u l-liġi tal-Unjoni u nazzjonali dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet governattivi domestiċi.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6b. Meta tiġi trasferita skont din id-Direttiva l-informazzjoni analitika miksuba mill-PNR, għandhom jiġu rrispettati s-salvagwardji previsti fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 6c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6c. L-Istati Membri għandhom javżaw lil xulxin dwar l-approvazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni li materjalment taffettwa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,

1. Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), **u**

(c) it-tielet pajjiż jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.

l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;

(aa) l-awtorità destinatarja fil-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali destinatarju huma responsabbli għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali;

(ab) L-Istat Membru li mingħandu nkisbet id-dejta ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu;

(ac) il-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali kkonċernat jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni għall-ipproċessar maħsub ta' dejta;

(b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2); **kif ukoll**

(c) it-tielet pajjiż **li jirċievi d-dejta** jaqbel li jittrasferixxi d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru.

1a. It-trasferiment tad-dejta tal-PNR mingħajr kunsens minn qabel skont il-punt (ab) tal-paragrafu 1 għandu jkun permess biss tali trasferiment tad-dejta jkun essenzjali għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' pajjiż terz jew għall-interessi essenzjali ta' Stat Membru u l-kunsens minn qabel ma jistax jinkiseb fi żmien debitu. L-awtorità responsabbli għall-għoti ta' kunsens għandha tkun informata mingħajr dewmien.

1b. B'deroga mill-punt (ac) tal-paragrafu 1, id-dejta personali tista' tiġi ttrasferita jekk:

(a) il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jittrasferixxi d-data hekk jipprevedi minħabba:

(i) l-interessi leġittimi speċifiċi tas-suġġett

tad-dejta; jew

(ii) l-interessi leġittimi prevalenti, speċjalment l-interessi pubbliċi importanti; jew

(b) il-pajjiż terz jew l-entità internazzjonali destinatarja jipprovdu salvagwardji li huma meqjusa xierqa mill-Istat Membru kkonċernat skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

1c. L-adegwatezza tal-livell ta' protezzjoni msemmi fil-punt (ac) tal-paragrafu 1 għandha tiġi vvalutata fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha madwar l-operazzjoni tat-trasferiment tad-dejta jew is-sett ta' operazzjonijiet ta' trasferimenti tad-dejta. Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lin-natura tad-dejta, il-fini u tul tal-operazzjoni jew l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta, l-Istat Membru li jittrasferixxi d-dejta u l-pajjiż jew l-entità internazzjonali tad-destinazzjoni finali tad-dejta, ir-regoli tal-liġi, kemm ġenerali u settorjali, fis-seħħ fil-pajjiż terz jew l-entità internazzjonali kkonċernati u r-regoli professjonali u l-miżuri ta' sigurtà li japplikaw.

1d. L-Istati Membri għandhom jittrasferixxu l-PNR lill-awtoritajiet governattivi kompetenti ta' pajjiżi terzi biss taħt termini konsistenti ma' din id-Direttiva u biss wara li jiġi żgurat li l-użu li r-riċevitur bi ħsiebu jagħmel tal-PNR ikun konsistenti ma' dawk it-termini.

1e. Apparti ċirkostanzi ta' emerġenza, kwalunkwe trasferiment ta' dejta bħal dan minn pajjiż terz għal ieħor għandu jseħħ skont fehim espliċitu li jinkorpora l-protezzjonijiet tal-privatezza tad-dejta komparabbli ma' dawk applikati għall-PNR mill-Istati Membri kif previst f'din id-Direttiva.

1f. Meta Stat Membru jkun konxju li jkun ġiet trasferita d-dejta tal-PNR ta' ċittadin jew resident ta' Stat Membru lejn pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat

Membru kkonċernat għandhom jiġu informati dwar il-kwistjoni mal-ewwel opportunità xierqa li tinholq.

Ig. Meta d-dejta tal-PNR tiġi trasferita lejn pajjiż terz skont din id-Direttiva, is-salvagwardji stipulati fil-paragrafi 1 sa 1c għandhom ikunu osservati.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR *anonimizzata* għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(d). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

Emenda

2. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR *mistura* għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(d). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(c) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. *Tali aċċess għad-dejta sħiħa għandu jkun permess għal perjodu ta' erba' snin wara li d-data tkun inħbiet f'każijiet rigward delitti*

transnazzjonali serji u għall-perjodu sħiħ ta' ħames snin f'każijiet rigward reati terroristiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dejta mistura hija dejta li tirriżulta mill-proċess ta' ħabi ("masking") tal-elementi speċifiċi tad-dejta fi ħdan databases sabiex l-informazzjoni ma tkunx disponibbli barra mill-ambjent speċifiku fejn tiġi immaniġġjata, għalhekk jintaqqsu l-possibilitajiet tal-esponiment ta' informazzjoni sensittiva u jiġu evitati r-riskji tat-tixrid ta' din l-informazzjoni. Billi titqies il-proporzjonalità tal-perjodi taż-żamma, għandha ssir distinzjoni, wara l-ħabi inizjali tad-dejta, tal-aċċess possibbli bejn ir-reati transnazzjonali serji (4 snin biss) u t-terroriżmu (5 snin).

Emenda 35

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat **fil-paragrafu 2**. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar **b'mod permanenti** hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li t-tħassir hija permanenti apparti f'każijiet speċifikati hawn fuq.

Emenda 36

Proposta għal direttiva Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu **pprovduti** kontra t-trasportaturi **bl- li**, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa **taħt** din id-Direttiva, **sakemm** tkun diġà nġabret mit-trasportaturi **bl-**, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu **previsti** kontra t-trasportaturi **tal-ajru li** ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa **skont** din id-Direttiva, **sat-tali punt li** tkun diġà nġabret mit-trasportaturi **tal-ajru**, jew **li** ma **jittrattawx u ma jipproċessawx id-dejta skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta stipulati f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 95/46/KE**, jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li dan l-Artikolu jkopri kemm il-mod li biha d-dejta tiġi ġestita u proċessata, kif ukoll jagħmilha ċara li t-tali sistema tista' topera skont ir-regoli ta' protezzjoni ta' dejta legali eżistenti.

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 10a

Protezzjoni tad-dejta personali

1. Kull Stat Membru għandu jipprevedi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-

kumpens u d-dritt għar-riżarċiment gudiżżajru bħal dawk previsti mil-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Dawk l-Artikoli għandhom għalhekk ikunu applikabbli.

2. Fil-każ ta' inċident jew ksur relatat mal-privatezza (inkluż aċċess mhux awtorizzat jew żvelar), l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinnotifikaw l-individwi affettwati kif xieraq, biex jiġi limitat ir-riskju ta' ħsara li jirriżulta mill-iżvelar mhux awtorizzat ta' dejta u informazzjoni personali, u biex jitwaqqfu miżuri ta' rimedju li jkunu teknikament Prattikabbli.

3. Fl-ambitu ta' din id-Direttiva, l-awtorità superviżorja nazzjonali għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri rilevanti dwar każijiet ta' inċidenti u ksur sinifikanti relatati mal-privatezza li jinvolvu d-dejta tal-PNR ta' ċittadini jew residenti tal-Unjoni li jirriżultaw mill-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telf aċċidentali, l-alterazzjoni, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzat, jew kwalunkwe forma illegali ta' pproċessar jew użu.

4. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li miżuri amministrattivi, ċivili u kriminali effikaċi ta' infurzar huma disponibbli skont il-liġi tal-Istati Membri għal inċidenti privati mil-linji tal-ajru, u għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni rigward tali miżuri. L-Istati Membri jistgħu jieħdu wkoll azzjoni dixxiplinari, kif xieraq, kontra persuni responsabbli għal kwalunkwe inċident jew ksur bħal dan dwar il-privatezza li tinkludi ċaħda ta' aċċess għas-sistema, twissijiet formali, sospensjoni, demozzjoni jew tneħħija mill-pożizzjoni tax-xogħol.

5. Id-dejta kollha għandha tinżamm f'post

sikur, f'database sikura, f'sistema informatika akkreditata sikura, li tissodisfa jew taqbeż l-istandards industrijali internazzjonali.

6. Id-dejta tal-PNR għandha tiġi sorveljata, għandhom jittieħdu kampjuni u għandha tiġi verifikata skont il-kodiċi ta' Prattika Statutorja li għandu jiġi żviluppata mill-awtorità superviżorja ta' kull Stat Membru, billi jiżgura kontrolli stretti tax-xogħol tal-operaturi u l-implimentazzjoni Prattika ta' din id-Direttiva, u jrid jagħmel parti mill-proċess ta' rieżami ta' kull Stat Membru.

7. Kull Stat Membru u kull awtorità nazzjonali għandhom jaħtru uffiċjal superviżorju għall-protezzjoni tad-dejta sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti għall-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet fundamentali; Dik il-persuna għandha titħarreġ u tiġi kkwalfikata bi standards għoljin fir-rigward tal-liġi għall-protezzjoni tad-dejta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li l-passiġġieri jkollhom id-drittijiet għal rimedju, għar-rettifika, għall-aċċess, biex iħassru u jimblokkaw, u d-dritt għal rimedju ġudizzjarju. Li jkun hemm regoli ċari dwar kif l-awtoritajiet superviżorji, il-linji tal-ajru, u l-Istati Membri għandhom jiperaw rigward il-ġestjoni tad-dejta, għandu jiżgura t-tħaddim effikaċi li l-passiġġieri jistgħu jafdaw fih.

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Protezzjoni tad-dejta personali

Emenda

Is-sigurtà tad-dejta

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-orijini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejtdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih.

Emenda

3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela s-sess, ir-razza, il-kultur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjeta, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. ***L-aċċess għal dejta sensittiva, kif ukoll l-ipproċessar u l-użu tagħha, għandhom ikunu permessi biss f'ċirkostanzi l-aktar eċċezzjonali fejn il-ħajja tal-individwu tista' tkun ipperikolata jew indebolita serjament. Tali dejta trid tiġi aċċessata esklussivament bl-użu ta' proċessi restrittivi fuq bażi ta' ħin reali u każ b'każ bl-approvazzjoni ta' maniġer anzjan tal-awtorità kkonċernata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni se ttiprovdi għal ċirkostanza aktar eċċezzjonali fejn jeħtieġ li jkun hemm informazzjoni f'ħin reali, meta d-dispożizzjonijiet eżistenti ta' din id-Direttiva ma jkunux jistgħu jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.

Emenda 40

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR

PR\1050032MT.doc

Emenda

4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR

33/44

PE549.223v01-00

mit-trasportaturi bl-, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t- talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il- Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l- awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal- verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad- dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal- ipproċessar tad-dejta, b' mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas- superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal- iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f' dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti.

mit-trasportaturi bl-ajru, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t- talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il- Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal- Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l- awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal- verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad- dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal- ipproċessar tad-dejta, b' mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas- superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perijodu ta' ħames snin sakemm id-data sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal- iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f' dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-data sottostanti. ***Dawk il-persuni li joperaw il- kontrolli tas-sigurtà, li għandhom aċċess u janalizzaw id-dejta tal-PNR, u li joperaw logs tad-dejta, għandhom ikunu klerjati u ttrejnjati mis-sigurtà. Kull persuna għandu jkollha profil li jiddefinixxi u jillimita dak li tista' tara skont in-natura tax-xogħol, ir-rwol u l- intitolat legali tagħha.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tali strutturi ta' taħriġ u operattivi jippermettu li jiġi inkluż saff ieħor ta' sigurtà u tiżdied il- kunfidenza fis-sistema, filwaqt li jiżguraw aktar uniformità fis-sistemi tal-Istati Membri u l- immaniġġjar tad-dejta personali.

Emenda 41

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Mingħajr preġudizju għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għandhom jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi sabiex jiġu imposti f'każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

Emenda

7. Mingħajr preġudizju għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet **kollha** ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għandhom jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi sabiex jiġu imposti f'każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jieħdu azzjoni dixxiplinarja kif xieraq kontra persuni responsabbli għal kwalunkwe inċident jew ksur dwar il-privatezza li tinkludi ċaħda ta' aċċess għas-sistema, twissijiet formali, sospensjoni, demozzjoni jew tneħħija mill-pożizzjoni tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jħaddmu sistema dixxiplinarja għal persuni li joperaw is-sistema sabiex ikun hemm kunfidenza tal-passiġġieri fis-sistema tal-PNR.

Emenda 43

Proposta għal direttiva Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċizzjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 tad-Deċizzjoni Qafas 2008/977/JHA għandhom ikunu applikabbli.

Emenda

I. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċizzjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 tad-Deċizzjoni Qafas 2008/977/JHA għandhom ikunu applikabbli.

1a. Il-konformità mas-salvagwardji tal-privatezza f'din id-Direttiva għandha tkun suġġetta għal rieżami indipendenti u għal sorveljanza mill-uffiċjali tal-awtorità superviżorja nazzjonali li:

(a) għandhom rekord ippruvat tal-awtonomija;

(b) jeżerċitaw setgħat effettivi ta' sorveljanza, investigazzjoni, intervent, u reviżjoni; kif ukoll

(c) għandhom is-setgħa li jirreferu ksur tal-liġi marbut ma' din id-Direttiva għall-prosekuzzjoni jew azzjoni dixxiplinarja, meta jkun xieraq.

L-uffiċjali tal-awtorità superviżorja nazzjonali għandhom, mod partikolari, jiżguraw li l-ilmenti relatati ma' nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva jiġu rċevuti, investigati, imwieġba, u rimedjati b'mod xieraq. Tali lmenti jistgħu jitrassqu minn kwalunkwe individwu, irrISPettivament min-nazzjonalità, il-pajjiż ta' oriġini, jew il-post ta' residenza.

1b. B'mod partikolari, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jipprovdu lill-individwi kollha b'mezz

amministrattiv biex jiġu solvuti l-inkjesti marbuta mal-ivvjaġġar, inkluż dawk relatati mal-użu tad-dejta tal-PNR. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jipprovdu proċess ta' rimedju għall-individwi li jemmnu li sofrew dewmien jew li ġew ipprojbiti milli jitilgħu abbord ajruplan kummerċjali peress li ġew identifikati bħala theddida meta dan ma kienx minnu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li dawk li jagħmlu s-sorveljanza u r-rieżami tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-awtoritajiet infushom ikollhom il-poteri meħtieġa sabiex jiżguraw li m'hemmx ksur fis-sistema, u li l-passiġġieri jibqgħu konformi bis-sħiħ mad-drittijiet tagħhom, u li dawn jiġu osservati u applikati b'mod sħiħ.

Emenda 44

Proposta għal direttiva Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

Rieżami indipendenti

Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tkun soġġetta għal rieżami indipendenti, evalwazzjoni, u sorveljanza minn waħda jew aktar mill-entitajiet li ġejjin:

(a) il-Parlament Ewropew;

(b) il-Kummissjoni;

(c) il-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.

Tali sorveljanza tista' tkun manifestata fis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti pubbliċi, is-smiġh pubbliċu, il-kodiċi tal-prattika u l-analiżi.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun hemm skrutinju, kemm mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea, li t-tnejn li huma għandhom funzjonijiet differenti u kumplimentari. It-twaqqif ta' Kumitat tal-Protezzjoni tad-Dejta UE-PNR se jipprovdi għarfien speċjalizzat għar-rieżami u l-evalwazzjoni kontinwi tas-sistema.

Emenda 45**Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn *sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom *minnufih jikkomunikaw* lill-Kummissjoni *t-testi* ta' dawk id-dispożizzjonijiet u *skeda ta' korrelazzjoni* bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn *tliet snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. *Huma* għandhom *jgħaddu mill-ewwel* lill-Kummissjoni *t-test* ta' dawk id-dispożizzjonijiet u *tabella tal-korrelazzjoni* bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Ġustifikazzjoni

Minħabba r-rekwiżiti teknoloġiċi u strutturali speċifiċi tat-twaqqif tas-sistema UE-PNR għal kull Stat Membru, jeħtieġ li l-perjodu ta' żmien jiġi estiż għal 3 snin.

Emenda 46**Proposta għal direttiva
Artikolu 16***Test propost mill-Kummissjoni**Artikolu 16**Dispożizzjonijiet transizzjonali*

Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1),

*Emenda**imħassar*

jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-importanza tal-għan li għalih tinġabar u tiġi proċessata d-dejta tal-PNR, kif ukoll in-natura varjata, soffistikata u internazzjonali tat-theddida imposta, jeħtieġ li jkun hemm sistema li topera fuq il-bażi ta' ġbir ta' 100% kemm fi ħdan l-UE, u wkoll ma' pajjiżi terzi sabiex is-sistema tkun kompletament effikaċi.

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni

Abbażi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha:

Emenda

Abbażi l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twestaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien *sentejn* mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18.

(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawg l-Istati Membri li jiġbru d-dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);

*(b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien **erba' snin** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

5 snin huwa perjodu ta' żmien aktar xieraq għall-valutazzjoni, peress li l-perjodu għall-Istati Membri għat-twaqqif ta' sistema PNR kien stipulat għal 3 snin minflok għal sentejn.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

In-natura tal-attività kriminali u terroristika qed tevolvi b'mod kostanti fis-snin riċenti. Qed issir aktar kuraġġuża, sofistikata u dejjem aktar transnazzjonali fin-natura tagħha. Minħabba l-ispiża għolja tar-reati, l-evidenza turi li ċ-ċittadini jixtiequ dejjem aktar li jaraw azzjoni aktar b'saħħitha fuq il-livell tal-UE biex jimmaniġġjaw ir-reati u t-terroriżmu organizzat¹.

Bi tweġiba għal dan, il-Programm ta' Stokkolma talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-użu tad-dejta tal-PNR biex tipprevjeni, tidentifika, tinvestiga u ttiproċedi kontra t-terroriżmu u r-reati serji. Fis-6 ta' Novembru 2007 l-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-użu tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Il-proposta ġiet diskussa fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill u ntlaħaq kunsens dwar il-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet fit-test. Madankollu, mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta tal-Kummissjoni, li kienet għadha ma ġietx adottata mill-Kunsill, skadiet.

Id-dejta tal-PNR hija l-informazzjoni provduta mill-passiġġieri bl-ajru waqt l-ibbukkjar tal-biljett li jinżamm mit-trasportaturi bl-ajru. L-użu primarju tagħha mit-trasportaturi bl-ajru huwa għal għanijiet operattivi (hija tinkludi informazzjoni fi 19-il qasam bħad-dati tal-ivvjaġġar, l-itinerarju tal-ivvjaġġar, id-dettalji tal-kuntatt, id-dettalji tal-aġenzija tal-ivvjaġġar, il-metodu ta' pagament li ntuża, l-informazzjoni dwar in-numru tas-siġġu u l-bagalji) iżda għandha wkoll valur kummerċjali u statistiku għal-linja tal-ajru.

Id-dejta tal-PNR tista' tintuża wkoll mill-entitajiet tal-infurzar tal-liġi u d-Direttiva proposta tistipula regoli armonizzati għat-tali miżuri. Id-dejta tal-PNR, meta tiġi analizzata b'mod akkurat, tista' tkun għodda effikaċi biex tidentifika u ssegwi l-attività kriminali u terroristika. Minbarra dan, tista' tintuża b'mod reattiv, f'ħin reali jew proattiv biex tinterċetta, tissorvelja, tinvestiga u ttiproċedi kontra l-kriminali. Attwalment, mis-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit biss għandu sistema tal-PNR li tiffunzjona kompletament² filwaqt li 5 oħra (Franza, id-Danimarka, l-Isvezja, il-Belġju u l-Olanda) jużawha b'modi limitat jew qed jittestjaw l-użu tagħha.

Il-PNR m'għandux jiġi konfuż mal-Infurmazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġiera (API), li hija informazzjoni bijografika meħuda mill-parti tal-passaport li tinqara mill-magni. Din hija aktar limitata fl-ambitu tagħha u l-użu tagħha huwa regolat skont id-Direttiva tal-API³.

II. Proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni (minn issa 'l quddiem "it-test") tikkunsidra r-

¹ Ewrobarometru Standard 71, p. 149 tal-Anness.

² "UK e-borders" is-sezzjonijiet 32 u 38 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, l-Ażil u n-Nazzjonalità 2006

³ Id-Direttiva 2004/82/KE tal-Kunsill tad-29 ta' Awwissu 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif iddikjarati fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' Novembru 2008¹ u tirrifletti s-sitwazzjoni tad-diskussjonijiet fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill fl-2009. Din tikkunsidra wkoll l-opinjoni mill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD), l-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Protezzjoni tad-Dejta u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. Saret valutazzjoni sħiħa tal-impatt, kif ukoll kien hemm proċess ta' konsultazzjoni.

Prinċipalment, it-test jagħmel żewġ affarijiet: i) huwa jarmonizza l-obbligi tat-trasportaturi bl-ajru li joperaw it-titjiriet lejn u minn pajjiż terz u t-territorju ta' għallanqas Stat Membru wieħed fit-trażmissjoni ta' dejta tal-PNR għall-entitajiet tal-infurzar tal-liġi, u ii) jistipula l-kriterji li għalihom l-entitajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jużaw it-tali informazzjoni, jiġifieri għal skopijiet ta' prevenzjoni, ditezzjoni, investigazzjoni u proċeduri kontra r-reati terroristiċi u d-delitti serji. It-test huwa konformi mar-regoli stipulati fid-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI (jew kwalunkwe Deċiżjoni Qafas futura f'dan il-qasam) għall-protezzjoni tad-dejta peronali. Is-sistema proposta hija mandatorja filwaqt li tagħti lil kull Stat Membru żmien ta' sentejn biex fihom iwaqqaf is-sistema operattiva. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiġu permissi jmessu sistemi konġunti bi skopijiet ta' qsim tal-ispejjeż.

Apparti mill-iskop tal-limitazzjoni, li ssemma hawn fuq, hemm bosta oqsma li fihom il-parlamentari ffokaw l-interess tagħhom b'mod tradizzjonali:

I. Iż-żamma tad-dejta

It-test jistipula approċċ f'żewġ stadji għaż-żamma tad-dejta tal-PNR mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru: jiġifieri perjodu ta' tletin ġurnata, segwit minn perjodu ta' ħames snin meta d-dejta tiġi mistura.

II. Sistema ċentralizzata v. deċentralizzata

It-test jistipula regoli għal sistema diċentralizzata. L-argumenti favur dan huma bażikament relatati mal-ispiża, iżda relatati wkoll man-natura sensittiva ta' lokazzjoni waħda ta' sistema ċentralizzata.

III. L-inklużjoni ta' titjiriet ġewwa l-UE

It-titjiriet ġewwa l-UE mhumiex inklużi fl-iskop tat-test.

IV. Ġbir immirat v. ġbir tal-100 %

Il-Kummissjoni tippromponi li tilħaq kopertura ta' 100% tat-titjiriet internazzjonali f'passi gradwali.

V. Id-definizzjoni tar-reati terroristiċi u d-delitti serji

Fit-test, "reati terroristiċi" tirreferi għal dawk fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI; u "delitti serji" huma definiti wkoll b'referenza għall-"Artikolu 2(2)

¹ Testi Adottati, P6_TA (2008)0561

tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, iżda biss dawk li għalihom ikun hemm piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin taħt il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru", għalkemm hawnhekk hija permessa ftit flessibilità.

III. Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur jaqbel mal-maġġoranza vasta tal-approċċ tal-Kummissjoni dwar it-trażmissjoni u l-użu tad-dejta tal-PNR. Il-Kummissjoni u diversi entitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri ppreżentaw evidenza lill-Membri rigward l-effikaċja ta' tali għodda u r-Rapporteur tiegħek isostni li l-ħtieġa, il-proporzjonalità, u l-valur miżjud tat-tali miżura ntweru: il-miżuri ma jimpedixxux il-moviment ħieles u m'għandhomx jipperikolaw id-dritt tad-dħul taċ-ċittadini, filwaqt li fl-istess ħin jgħinu biex jipproteġu s-sikurezza tagħhom. Minbarra dan, peress li l-proposta tal-Kummissjoni kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament Ewropew f'Novembru 2008, u ladarba hija tistipula standards minimi li diġà ġew approvati mill-Kumitat LIBE, fir-rigward ta' Ftehimiet PNR oħra, it-test jipprovdi pjattaforma soda għal diskussjoni f'din il-kamra.

I. Iż-żamma tad-dejta

Ir-Rapporteur ma jemminx li għandhom isiru xi tibdiliet fit-test iżda l-abbozz tar-Rapport tiegħu jżid id-definizzjoni ta' "data mistura" li tiċċara t-tifsira preċiża ta' din id-dispożizzjoni. Huwa jintroduċi wkoll żewġ perjodi differenti għall-aċċessar tad-dejta - ħames snin għat-terroriżmu u erba' snin għad-delitti transnazzjonali serji, li jqisu għal kolloxx il-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jitqiesu l-każi konġunti tal-Qorti tal-Ġustizzja C-293/12 u C-594/12.

II. Sistema ċentralizzata v. dik deċentralizzata

L-abbozz tar-Rapport jistipula regoli għal sistema deċentralizzata.

III. L-inklużjoni ta' titjiriet ġewwa l-UE

Ir-Rapporteur jinsab konvint li l-inklużjoni ta' titjiriet ġewwa l-UE se tagħti valur miżjud ċar lil kwalunkwe skema UE PNR. Għalkemm dan jista' jżid mal-ispejjeż inizjali, hemm benefiċċji ċari għall-inklużjoni tagħhom: forma uniformi u vantaġġi kbar ta' sigurtà. Minħabba l-għan miżjud tal-iskema, ir-Rapporteur estenda wkoll l-avvanz fiż-żmien tal-proposta minn sentejn għal tliet snin.

IV. Ġbir immirat v. ġbir tal-100 %

Ir-Rapporteur jappoġġa kopertura ta' 100% tat-titjiriet għall-benefiċċji ovvjji ta' effikaċja u sigurtà. Hemm ukoll evidenza li tissuġġerixxi li l-kriminali jistgħu jevitaw ċerti titjiriet taħt sistema mmirata.

V. Id-definizzjoni tar-reati terroristiċi u d-delitti transnazzjonali serji

L-abbozz tar-rapport ma biddilx id-definizzjonijiet ta' "reat terroristiku" u "delitt serju". Madankollu, jillimita t-test għal "delitt transnazzjonali serju" biss b'lista ta' reati speċifiċi

meħuda mill-lista tad-Deċiżjoni Qafas 2008/919/ĠAI.

Ir-Rapporteur inkluda wkoll id-dispożizzjonijiet li se jiċċaraw il-kwistjoni tal-ispejjeż, jirrimedjaw u jsaħħu ċ-ċertezza legali tat-test, billi rrefera b'mod aktar espliċitu għal-leġislazzjoni l-oħra diġà fis-seħħ f'dan il-qasam.